**A.L. 118 ta' l-2004**

## ATT TA L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (ATT NRU. XXIII TA' L-2001)

### Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Ħtiġijiet għall-Produzzjoni u t-Tqegħid fis-Suq ta' Kapuljat u Preparazzjonijiet tal-Laħam

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija l-artikolu 10 u 12 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji ta' l-2001, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

### Taqsima I

**Titolu, skop u applikazzjoni**

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Ħtiġijiet għall-Produzzjoni u t-Tqegħid fis-Suq ta' Kapuljat u Preparazzjonijiet tal-Laħam

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 94/65/EC li tistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-produzzjoni u t-tqegħid fuq is-suq ta' kapuljat u preparazzjonijiet tal-laħam.

(3) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu r-regoli għall-produzzjoni, tqegħid fis-suq fit-territorju ta' Malta u l-importazzjoni ta' preparazzjonijiet tal-laħam u kapuljat.

(4) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal preparazzjonijiet tal-laħam u kapuljat li huma prodotti fi ħwienet tal-bejgħ bl-imnut jew f'bini li jmiss ma' postijiet tal-bejgħ, bi skop ta' bejgħ minn hemmhekk direttament lill-konsumatur finali,

dawn l-operazzjonijiet jibqgħu soġġetti għall-verifiki mediċi mitluba mir-regoli nazzjonali li jirregolaw is-superviżjoni tal-kummerċ bl-imnut.

(5) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal laħam rikoverat mekkanikament għal użu industrijali li jsirlu trattament bis-sħana fi stabbilimenti approvati skond id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/99/EEC.

(6) Ir-regoli applikabbli għall-produzzjoni u t-tqegħid fuq is-suq ta' kapuljat maħsub għall-użu bħala materjal mhux maħdum għall-manifattura ta' laħam taz-zalzett maħsub għall-produzzjoni sussegwenti ta' prodotti bażati fuq il-laħam ma għandux jintlaqat b'dawn ir-regolamenti.

**Tifsir**

**2.** Għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti -

(1) Id-definizzjonijiet misjuba fl-artikolu 2 tad-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC, 71/118/EEC u 72/462/EEC għandhom japplikaw kif meħtieġ.

(2) Għandhom japplikaw dawn it-tifsiriet li ġejjin -

(a) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità ċentrali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz kompetenti biex iwettaq verifiki veterinarji jew xi awtorità li lilha jkun delegat dak il-poter. Għal Malta, is-Sevizzi Veterinarji hija l-awtorità kompetenti.

(b) "impjanti ta' produzzjoni" tfisser kull impjant li fih jiġu prodotti kapuljat jew preparazzjonijiet tal-laħam -

- li jkun jinsab f'impjant ta' tqattigħ li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-Kapitolu I ta' l-Iskeda I ta' dawn ir-regolamenti,

- li fil-każ tal-produzzjoni ta' preparazzjonijiet tal-laħam, ikun jinsab fi stabbiliment li jsegwi l-ħtiġijiet tal-Kapitolu III ta' l-Iskeda I ta' dawn ir-regolamenti,

- li jekk ma jkunx jinsab fil-bini ta', jew imiss ma' stabbiliment approvat taħt Id-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC, 71/118/EEC jew 77/99/EEC, isegwi l-ħtiġijiet ta' punt 2 tal-Kapitolu I jew punt 2 tal-Kapitolu III ta' l-Iskeda I ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) "kapuljat" tfisser laħam li jkun tqatta' f'biċċiet żgħar jew għadda minn *sprial-screw mincer* (magna ta' l-ikkapuljat);

(d) "kummerċ" tfisser skambju ma' Stati Membri;

(e) "preparazzjonijiet tal-laħam" tfisser laħam skond it-tifsira ta' l-artikolu 2 tad-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC, 71/118/EEC u 92/45/EEC u laħam, li jissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-artikoli 3, 6 u 8 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/495/EEC li kellu miżjud miegħu prodotti tal-laħam, *seasonings* jew additivi jew li jkun għadda minn trattament li mhux biżżejjed biex jimmodifika l-istruttura ċellulari interna tal-laħam u b'hekk jikkaġuna li l-karatteristiċi tal-laħam frisk ma jibqgħux jidhru;

(f) "*seasoning*" tfisser melħ maħsub għall-konsum uman, mustarda, *spices,* estratti ta' *spice* aromatiku, ħwawar aromatiċi u l-estratti aromatiċi tagħhom;

(ġ) "sieħeb fil-kummerċ", skond kif imniżżel fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, tfisser -

- Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea;
- Pajjiżi Terzi ta' l-Unjoni Ewropea.

## Taqsima II
## Tqegħid fuq is-suq ta' kapuljat

**Liema kapuljat jista jitqiegħed ħall-kummerċ**

**3.** (1) Laħam frisk biss miksub minn annimali bovini, majjali, nagħaġ jew mogħoż u preżentat fil-forma ta' kapuljat, li jsegwi l-ħtiġijiet li ġejjin, huwa kummerċjat -

(a) għandu jkun preparat mill-muskolu *striated* ħlief mill-muskolu tal-qalb -

- li jsegwi l-ħtiġijiet ta' -

(i) l-artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC;

jew, għal kapuljat impurtat,

(ii) id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 72/462/EEC;

u jkun ġie spezzjonat skond id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/675/EEC. Fil-każ ta' laħam frisk tal-majjal, irid barra minn dan ikun ġie eżaminat għal *trichinae* skond l-artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/96/EEC jew ikun għadda minn trattament ta' tkessiħ kif riferit fl-Anness IV ta' dik id-Direttiva;

(b) għandu jkun ġie preparat, skond il-ħtiġijiet tal-Kaptiolu II ta' l-Iskeda I f'impjant li -

(i) jilħaq il-ħtiġijiet ta' punti 1, 2 u 3 tal-Kapitolu I ta' l-Iskeda I, u,

(ii) ikun ġie approvat u inkluż fuq il-lista(i) mfassla skond ir-regolament 8 (1);

(ċ) għandu jkun ġie spezzjonat skond il-Kapitolu V ta' l-Iskeda I u ir-regolament 8;

(d) għandu jkun immarkat u ttimbrat skond il-Kapitolu VI ta' l-Iskeda I;

(e) għandu jkun ġie mgeżwer, ippakkettat u maħżun skond id-disposizzjonijiet rispettivi tal-Kapitoli VII u VIII ta' l-Iskeda I;

(f) għandu jkun inġarr skond il-Kaptiolu IX ta' l-Iskeda I;

(g) għandu, matul il-ġarr, ikun akkumpanjat minn -

(i) dokument kummerċjali li għandu -

- jitfassal mill-istabbiliment li jibgħat,

- ikollu numru ta' approvazzjoni veterinarju ta' l-impjant ta' produzzjoni approvat u fil-każ ta' kapuljat iffriżat, ix-xahar u s-sena ta' meta jkun ġie iffriżat, b'mod ċar,

- għal kapuljat maħsub għall-Finlandja u għall-Isvezja, ikollu waħda mill-indikazzjonijiet provduti fit-tielet inċiż ta' Parti IV tal-kampjun taċ-ċertifikat mediku għal laħam frisk riferit fl-artikolu 3(A)(1)(f)(iii) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC, jinżamm mill-kunsinnatarju biex ikun jista' jintwera fuq talba ta' l-awtorità kompetenti. Il-*computer data* għandha tiġi stampata fuq talba ta' l-awtorità msemmija hawn aktar qabel.

Madanakollu, fuq talba ta' l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' destinazzjoni, trid tkun provduta ċertifikazzjoni medika meta l-laħam ikun għall-esportazzjoni lejn pajjiż terz wara li jsir kapuljat. L-ispejjeż ta' din iċ-ċertifikazzjoni jridu jitħallsu mill-operaturi.

(ii) ċertifikat mediku skond l-Iskeda III, fil-każ ta' kapuljat f'impjant ta' produzzjoni li jinsab f'reġjun jew żona ristretta tat-territorju ta' Malta, jew kapuljat li għandu jintbagħat lejn Stat Membru, wara li jgħaddi minn pajjiż terz fi trakk issiġillat.

(2) L-ikkapuljat għandu isegwi l-ħtiġijiet li ġejjin b'żieda ma' dawk elenkati fis-subregolament (1) -

(a) il-laħam frisk li minnu jinkiseb għandu -

(i) meta jkun ġie friżat jew *deep-frozen*, jinkiseb minn laħam frisk bil-għadma li ma jkunx inħażen għal aktar minn 18-il xahar għal ċanga u għal vitella, 12-il xahar għal laħam tan-nagħaġ u sitt xhur għal laħam tal-majjal, wara li jkun ġie ffriżat jew *deep frozen*, f'*cold store* approvat skond l-artikolu 10 tad-Direttvia tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC. Madanakollu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza li jitneħħa l-għadam tal-laħam tal-majjal u tal-laħam tan-nagħaġ fuq il-post, immedjatament qabel ma jsir kapuljat, meta din l-operazzjoni titwettaq f'kundizzjonijiet ta' iġene u ta' kwalità sodisfaċenti;

(ii) meta jkun tkessaħ, jintuża -

- fi żmien ta' mhux aktar minn sitt 'ijiem wara l-qatla ta' l-annimali, jew

- fi żmien ta' mhux aktar minn ħmistax-il jum wara l-qatla ta' l-annimali fil-każ ta' ċanga u vitella bl-għadam, li jkunu *vacuum-packed*;

(b) l-ikkapuljat għandu jkun għadda minn trattament ta' kesħa f'perjodu ta' mhux aktar minn siegħa wara li jkun tqatta' f'porzjonijiet u tgeżwer, ħlief meta jintużaw il-proċessi li jinħtieġu li titbaxxa t-temperatura interna tal-laħam matul il-produzzjoni;

(ċ) l-ikkapuljat għandu jkun pakkettat u preżentat f'waħda mill-forom li ġejjin -

(i) imkessaħ u f'dan il-każ miksub minn laħam kif deskritt f'(a);

(ii) u mkessaħ għal temperatura interna ta' inqas minn $+2^0$C fl-iqsar żmien possibbli. Madanakollu, iż-żieda ta' kwantità limitata ta' laħam iffriżat li jissodisfa l-kundizzjonijiet imniżżla f'(a) (i) għandha tkun awtoriżżata biex tħaffef il-proċess ta' refriġerazzjoni, kemm-il darba dik iż-żieda tkun imsemmija fuq it-tabella. F'dawn il-każijiet, il-perjodu riferit hawn fuq ma għandux jeċċedi siegħa;

(iii) *deep frozen,* u f'dan il-każ miksub minn laħam kif deskritt f'(a) u mkessaħ mill-aktar fis possibbli għal temperatura interna ta' inqas minn $18^0$C, skond ir-regoli Maltin dwar prodotti ta' l-ikel li jkunu *quick-frozen* għall-konsum uman;

(d) l-ikkapuljat ma għandux jkun ġie soġġett għal radjazzjoni joniżżata jew trattament bl-*ultraviolet*;

(e) id-deskrizzjoni f'sezzjoni 1 ta' l-Iskeda II, possibilment magħquda ma' l-isem ta' l-ispeċi ta' annimali li minnu jkun inkiseb il-laħam, tista' tkun użata biss fuq

il-pakketti jekk il-ħtiġijiet imfissra f'Sezzjoni 1 ta' l-Iskeda II jkunu segwiti għal dawk id-deskrizzjonijiet.

(3) L-ikkapuljat li miegħu ma jkunx ġie miżjud aktar minn 1% ta' melħ għandu jkun soġġett għall-ħtiġijiet tas-subregolamenti (1) u (2).

**Awtorizzazzjoni għall-produzzjoni u tqegħid fuq is-suq ta' kapuljat**

**4.** (1) Sabiex jittieħed kont ta' drawwiet partikulari ta' konsum u waqt li jkun żgurat li l-ħtiġijiet ta' saħħa ta' dan ir-regolament ikunu osservati, l-awtorità kompetenti ta' Malta tista' tawtorizza l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' kapuljat biex jinbiegħ fit-territorju ta' Malta li jkun inkiseb biss -

(a) minn laħam riferit fir-regolament 2 (2) (b);

(b) minn impjanti ta' produzzjoni li huma approvati jew reġistrati u li għandhom il-bini riferit fl-Iskeda I;

(ċ) permezz ta' deroga minn -

(i) punt 4 tal-Kapitolu VI ta' l-Iskeda I;

(ii) ir-regolament 3 (1) (f) u (ġ) u ir-regolament 3 (2), ħlief għall-ewwel, it-tieni u t-tielet inċIż ta' l-Iskeda II, punt 1.

(2) Ikkapuljat miksub skond dan ir-regolament ma jridx ikollu t-timbru tas-saħħa provdut fil-Kapitolu VI ta' l-Iskeda I.

(3) Sabiex tagħmel użu mid-disposizzjonijiet tas-subregolament (1), l-awtorità kompetenti ta' Malta għandha tieħu kont tan-natura tad-deroga mogħtija fl-Istati Membri.

## Taqsima III

## Tqegħid fuq is-suq ta' preparazzjonijiet ta' laħam

**Preparazzjonijiet tal-laħam li jistgħu jkunu kummerċjati**

**5.** (1) Preparazzjonijiet tal-laħam skond it-tifsira tar-regolament 2(2)(b) jistgħu jkunu kummerċjati biss jekk -

(a) ikunu ġew preparati minn laħam frisk, barra minn laħam meħud minn solipedi, li -

(i) jkun konformi mar-regolament 3 tar-regolament riferit fir-regolament 2(2)(b);

(ii) fil-każ ta' laħam impurtat, ikun konformi mad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 72/462/EEC jew il-Kapitolu III tad-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 71/118/EEC u 92/45/EEC u l-ħtiġijiet imniżżla fl-artikoli 3, 6 u 8 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/495/EEC, jew il-Kapitolu 11 ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/118/EEC u jkun ġie spezzjonat skond l-artikolu 16 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji. Fil-każ ta' laħam frisk tal-majjal, dan għandu jiġi eżaminat għal *trichinae* skond l-artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/96/EEC jew ikun għadda minn trattament ta' kesħa skond l-Anness IV ta' dik id-Direttiva;

(b) ikunu ġew preparati f'wieħed mill-istabbilimenti riferiti fir-regolament 2(2)(d) li -

(i) isegwi l-ħtiġijiet tal-Kapitolu III ta' l-Iskeda I;

u

(ii) ikun ġie approvat u jkun inkluż f'kull lista mfassla skond ir-regolament 8 (1).

(ċ) ikunu nkisbu minn laħam li, jekk ikun ġie *deep frozen*, għandu jkun użat f'perjodu massimu wara l-qatla ta' 18-il xahar għaċ-ċanga u l-vitella, 12-il xahar għal laħam tan-nagħaġ u għal laħam tal-mogħoż, laħam tat-tjur, laħam tal-fniek u laħam ta' l-għasafar tal-kaċċa mrobbija fir-razzett u sitt xhur għal laħam minn speċi oħra;

Iżda, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-ispulpjar ta' laħam tal-majjal u ta' laħam tan-nagħaġ fuq il-post, minnufiħ qabel il-preparazzjoni, kemm-il darba din l-operazzjoni titwettaq f'kundizzjonijiet sodisfaċenti ta' iġene u ta' kwalità;

(d) ikunu ġew ipakkettati u fejn ikunu se jitqiegħdu fuq is-suq -

(i) imkessħa, għandhom jitkessħu mill-aktar fis possibbli għal temperatura nterna ta' inqas minn $+2^0$C għal preparazzjonijiet tal-laħam miksuba minn kapuljat, $+7^0$C għal preparazzjonijiet miksuba minn laħam frisk, $+4^0$C għal preparazzjonijiet ta' laħam tat-tjur u $+3^0$C għal preparazzjonijiet li jkun fihom offali;

(ii) *deep frozen,* għandhom jitkessħu mill-aktar fis possibbli għal temperatura nterna ta' inqas minn $18\ ^0$C, skond ir-regoli ta' Malta dwar prodotti ta' l-ikel għall-konsum uman li jkunu *quick frozen.*

(2) Preparazzjonijiet tal-laħam iridu jsegwu l-ħtiġijiet li ġejjin b'żieda ma' dawk imniżżla fis-subregolament (1) -

(a) għandhom ikunu ġew preparati skond il-Kapitolu IV ta' l-Iskeda I;

(b) għandhom ikunu ġew spezzjonati skond ir-regolament 8 u l-Kapitolu V ta' l-Iskeda I;

(ċ) għandhom ikunu mmarkati u ttimbrati skond il-Kapitolu VI ta' l-Iskeda I;

(d) għandhom ikunu tgeżwru u ġew pakkettati skond il-ħtiġijiet tal-Kapitolu VII ta' l-Iskeda I u maħżuna skond il-Kapitolu VIII ta' l-Iskeda I;

(e) għandhom ikunu ġew trasportati skond il-Kapitolu IX ta' l-Iskeda I;

(f) għandhom, matul il-ġarr, ikunu akkumpanjati minn ċertifikat mediku skond l-Iskeda V, li għandhom jinżamm mill-kunsinnatarju għal perjodu ta' mhux anqas minn sena biex dan jiġi preżentat fuq talba ta' l-awtorità kompetenti.

(3) ħlief għal zalzett frisk u laħam taz-zalzett, il-preparazzjonijiet tal-laħam ġejjin minn kapuljat minn annimali maqtula jistgħu jkunu kummerċjati biss jekk dawn isegwu l-ħtiġijiet tar-regolament 3.

(4) Preparazzjonijiet tal-laħam ma jridux ikunu ġew soġġetti għal radjazzjoni joniżżanti. Din id-disposizzjoni ma għandhiex tkun tolqot r-regoli applikabbli għal ijoniżżazzjoni għal skopijiet mediċi.

(5) Is-Servizzi Veterinarji jista, għall-iskop ta' l-approvazzjoni tagħhom, tippermetti deroga mill-ħtiġijiet tal-Kapitolu I ta' l-Iskeda I ta' dawn ir-regolamenti u minn dawk tal-Kapitolu I ta' l-Anness B tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/99/EEC u tal-Kapitolu I (2) (a) (dwar il-vitien) u punt 11 (dwar *lockers*) ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC, lil impjanti ta' manifattura li jimmanifatturaw preparazzjonijiet tal-laħam mingħajr struttura industrijali jew kapaċità

ta' preparazzjoni. Barra minn dan, jistgħu jiġu mogħtija derogi minn punt 7 ta' Kapitolu I ta' l-Anness B tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/99/EEC dwar kmamar fejn materjal mhux maħdum u prodotti lesti jinħażnu. Madanakollu, f'dan il-każ, l-istabbiliment għandu ta' l-anqas ikollu -

(i) kamra jew post sikur fejn jinħażen il-materjal mhux maħdum, jekk isseħħ dik il-ħażna;

(ii) kamra refriġerata jew post sikur fejn jinħażnu l-prodotti lesti, jekk isseħħ din il-ħażna.

**Awtorizzazzjoni għall-produzzjoni u tqegħid fuq is-suq ta' preparazzjonijiet tal-laħam**

**6.** (1) Sabiex jittieħed kont ta' drawwiet partikolari ta' konsum u waqt li jkun żgurat li l-ħtiġijiet tas-saħħa ta' dan ir-regolament qegħdin jiġu osservati, is-Servizzi Veterinarji jista' jawtorizza l-produzzjoni u t-tqegħid fuq is-suq ta' preparazzjonijiet tal-laħam li għandhom jinbiegħu fit-territorju ta' Malta li jkunu inkisbu biss -

(a) minn laħam riferit fir-regolament 2 (2) (b);

(b) minn impjanti ta' produzzjoni li huma approvati jew reġistrati u li għandhom il-bini riferit fil-Kapitolu III ta' l-Iskeda I;

(ċ) permezz ta' deroga minn: punti (b) u (d) tal-Kapitolu IV ta' l-Iskeda I,

- ir-regolament 5 (1) (ċ) u (d),

- punt 4 tal-Kapitolu VI ta' l-Iskeda I,

- ir-regolament 5 (2) (e) u (f) u fir-regolament 5 (3).

(2) Preparazzjonijiet tal-laħam miksuba skond paragrafu 1 ma jridx ikollhom il-marka tas-saħħa provduta fil-Kapitolu VI ta' l-Iskeda I.

(3) Sabiex tagħmel użu mid-disposizzjonijiet tas-subregolament (1), is-Servizzi Veterinarji għandhom jieħdu kont tan-natura tad-deroga mogħtija fl-Istati Membri.

## Taqsima IV
## Disposizzjonijiet komuni

**Miżuri biex jiżguraw l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti**

**7.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-operatur jew l-amministratur ta' l-impjant tal-produzzjoni jieħu il-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li, fl-istadji kollha tal-produzzjoni ġew segwiti id-disposizzjonijiet kollha ta' dan ir-regolament. Għal dak il-għan, il-persuni msemmija għandhom japplikaw il-prinċipji HACCP u l-awtorità kompetenti, jekk tħoss li jkun xieraq, tista' tirrakkomanda *standards* Ewropej ta' operaturi ta' negozju ta' l-ikel tas-serje EN 29000 sabiex timplimenta r-regoli ġenerali ta' iġene u l-gwidi ta' prattika ta' iġene tajba. B'żieda ma' dan l-operatur jew l-amministratur ta' l-impjant ta' produzzjoni għandu jwettaq b'mod kostanti l-verifiki tiegħu, bi qbil mal-prinċipji li ġejjin -

- jivverifika l-materjal mhux maħdum li jiddaħħal fl-istabbiliment sabiex jiżgura qbil mal-kriterji fl-Iskeda II u IV dwar il-prodott finali,

- jivverifika l-metodi ta' tindif u ta' diżinfettar,

- jieħu kampjuni għall-analiżi f'laboratorju rikonoxxut mill-awtorità kompetenti,

- iżomm kont bil-miktub jew rekordjat ta' l-informazzjoni meħtieġa skond l-inċiż preċedenti sabiex jissottomettih lill-awtorità kompetenti. Ir-riżultati tal-verifiki differenti għandhom b'mod partikulari jinżammu għal perjodu ta' mill-anqas

sentejn, ħlief fil-każ ta' prodotti mkessħa li għalihom il-perjodu jista' jitnaqqas għal sitt xhur sa wara d-data li fiha jista' jintuża l-prodott,

- jipprovdi garanziji lill-awtorità kompetenti dwar l-amministrazzjoni tat-timbru tas-saħħa, partikolarment it-timbri li jkollhom il-marka tas-saħħa,

- meta l-eżaminazzjoni tal-laboratorju jew xi informazzjoni oħra għad-disposizzjoni tagħhom turi li hemm riskju għas-saħħa, jinforma lill-awtorità kompetenti,

- fil-każ ta' riskju immedjat għas-saħħa umana, jirtira mis-suq il-kwantità ta' prodotti miksuba f'kundizzjonijiet teknoloġiċi simili u li għandhom mnejn jippreżentaw l-istess riskju. Din il-kwantità irtirata għandha tibqa' taħt is-superviżjoni u l-kontroll ta' l-awtorità kompetenti sakemm tinqered, tintuża għal skopijiet oħra barra milli għall-konsum uman, jew, wara awtoriżżazzjoni mill-awtorità kompetenti, tkun ipproċessata mill-ġdid b'mod xieraq jkun jiżgura s-sigurtà tagħha.

(2) Għal skopijiet ta' spezzjoni, l-operatur jew l-amministratur ta' l-istabbiliment għandu jiżgura li l-ippakkettar tal-prodotti jkollu indikazzjoni ċara u leġibbli tat-temperatura li fiha għandhom jiġu trasportati u maħżuna il-prodotti kif ukoll id-data sa meta jista' jintuża għal prodotti *deep frozen* jew id-data ta' konservazzjoni minima għal prodotti mkessħa. L-operatur jew l-amministratur ta' l-istabbiliment għandu jirranġa jew jistabbilixxi programm ta' taħriġ għall-ħaddiema li jkun jippermetti li l-ħaddiema jkunu konformi mal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni iġenika adatti għall-istruttura ta' produzzjoni, sakemm dawn il-ħaddiema ma jkollhomx digà l-kwalifiki meħtieġa konfermati permezz ta' diplomi. L-awtorità kompetenti responsabbli għall-istabbiliment għandha tkun involuta fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-programm.

(3) Għandhom jitwettqu testijiet mikrobijoloġiċi fuq kapuljat kif riferit fir-regolament 3 u preparazzjonijiet ta' kapuljat kif riferit fir-regolament 5 fuq bażi ta' kuljum u ta' l-anqas kull ġimgħa fuq kapuljat ieħor u preparazzjonijiet tal-laħam. Dawn it-testijiet għandhom jitwettqu jew fl-impjant ta' produzzjoni, jekk ikun rikonoxxut mill-awtorità kompetenti, jew f'laboratorju approvat.

Il-kampjun meħud għall-analiżi għandu ikun fih ħames *units* u jkun rappreżentattiv tal-produzzjoni ta' kuljum. Kampjuni ta' preparazzjonijiet tal-laħam għandhom jittieħdu mill-qiegħ nett tal-muskolu wara li l-ġilda tkun *cauterised*. Il-verifiki mikrobijoloġiċi jridu jsiru skond il-metodi approvati, li jkunu xjentifikament rikonoxxuti, b'mod partikulari dawk imniżżla fil-leġislazzjoni tal-Komunità Ewropea jew *standards* internazzjonali oħra.

Ir-riżultati tal-verifiki mikrobijoloġiċi jridu jkunu valutati bl-użu tal-kriterji għal interpretazzjoni stabbiliti fl-Iskeda II fil-każ ta' kapuljat u preparazzjonijiet tal-laħam miksuba minn kapuljat ta' annimali maqtula, ħlief għal zalzett frisk u laħam taz-zalzett, skond il-kriterji fl-Iskeda IV fil-każ ta' preparazzjonijiet oħra tal-laħam. Fil-każ ta' tilwim waqt il-kummerċ, is-Servizzi Veterinarji għandhom jirrikonoxxu l-metodi ta' l-EN bħala metodi ta' riferenza.

(4) Il-ħtiġijiet dwar *self-monitoring* għandhom jkunu tfasslu flimkien ma' l-awtorità kompetenti, li għandhom jagħmlu monitoraġġ regolari dwar il-konformità magħhom.

(5) L-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament, b'mod partikulari fejn japplika is-subregolament (1), għandhom ikunu speċifikati skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

**Lista ta' stabilimenti li jipproduċu kapuljat jew preparazzjonijiet tal-laħam**

**8.** (1) L-awtorita' kompetenti għandha tfassal lista ta' stabbilimenti li jipproduċu kapuljat jew preparazzjonijiet tal-laħam, waqt li tagħmel distinzjoni bejn dawk approvati taħt ir-regolamenti 3 u 5 u dawk reġistrati taħt ir-regolamenti 4 u 6. Hija għandha tibgħat lista' ta' l-impjanti ta' produzzjoni approvati taħt ir-regolamenti 3 u 5 lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea.

Hija għandha tagħti lil kull impjant ta' produzzjoni, in-numru ta' approvazzjoni ta' stabbiliment approvat skond id-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC, 71/118/EEC, 77/99/EEC, 91/495/EEC jew 92/45/EEC, b'indikazzjoni li dan ikun ġie approvat għall-produzzjoni ta' kapuljat jew ta' preparazzjonijiet tal-laħam, u għal kull *unit* ta' produzzjoni indipendenti, numru ta' approvazzjoni individwali. Jista' jingħata numru ta' approvazzjoni wieħed lil -

(i) stabbiliment li jagħmel preparazzjonijiet miksuba minn jew b'materjal mhux maħdum kopert b'aktar minn waħda mid-Direttivi riferiti fis-sotto-paragrafu li ġej;

(ii) stabbiliment li jkun jinsab fuq l-istess sit bħal stabbiliment approvat skond l-artikolu 2 ta' wieħed mid-Direttivi ta' hawn fuq. Impjanti ta' produzzjoni hekk approvati għandhom jiddaħħlu jew għall-produzzjoni ta' kapuljat jew għal dak ta' preparazzjonijiet tal-laħam f'kolonna separata fil-lista ta' stabbilimenti riferiti fl-artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC, l-artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 71/118/EEC, l-artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/99/EEC jew dak riferit fl-artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/45/EEC u, fil-każ ta' *unit* indipendenti ta' produzzjoni, fuq lista separata mfassla skond l-istess kriterji.

L-awtorità kompetenti ma għandiex tapprova stabbiliment sakemm ma tkunx sodisfatta li dan huwa konformi ma' dawn ir-regolamenti, fejn tidħol in-natura ta'

l-attivitajiet tiegħu. Madanakollu, jekk stabbiliment li jkun qed jistenna approvazzjoni skond dawn ir-regolamenti jifforma parti integrali minn stabbiliment approvat taħt id-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC, 71/118/EEC, 79/99/EEC jew 92/45/EEC, il-bini, it-tagħmir u l-installazzjoni għall-ħaddiema u, ġeneralment, il-bini kollu fejn ma jkun hemm l-ebda riskju ta' kontaminazzjoni tal-materjal mhux maħdum jew ta' prodotti mhux imgeżwra jistgħu jkunu komuni għaż-żewġ stabbilimenti.

(2) L-impjanti ta' produzzjoni għandhom jibqgħu taħt il-kontroll ta' l-awtorità kompetenti, li għandha tispezzjonahom u tagħmel monitoraġġ bil-frekwenza li ġejja -

- għal impjanti ta' produzzjoni li jmissu ma' impjanti ta' tqattigħ: l-istess frekwenza bħal dik imsemmija għal dawn l-impjanti ta' tqattigħ,

- għal impjanti ta' produzzjoni approvati li jipproduċu l-prodotti riferiti fir-regolamenti 3: ta' l-anqas darba kuljum matul il-produzzjoni ta' l-ikkapuljat,

- għal impjanti oħra ta' produzzjoni: il-bżonn ta' preżenza permanenti jew perjodika ta' l-awtorità kompetenti fi stabbiliment partikolari għandu jiddependi mid-daqs ta' l-istabbiliment, it-tip ta' produzzjoni manifatturata, ir-*risk assessment* u l-garanziji offruti skond it-tieni sotto-paragrafu tar-regolament 7.

L-awtorità kompetenti għandu f'kull ħin ikollha aċċess ħieles għall-partijiet kollha ta' l-isabbilimenti sabiex tiżgura li dawn ir-regolamenti qed jiġi segwit u, fejn hemm dubju dwar l-oriġini tal-laħam, għal dokumenti li jagħtu rendikont li jippermetti li l-biċċerija jew l-istabbiliment ta' oriġini tal-materjal mhux maħdum ikun rintraċċat u, dwar il-konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Iskedi II u IV, mar-riżultati tas-*self-monitoring* provduti fir-regolament 7, inkluż ir-riżultat tal-verifiki fuq materjal mhux maħdum. Fil-każ ta' *computer data*, dawn għandhom ikunu stampati fuq talba ta' l-awtorità kompetenti.

L-awtorità kompetenti għandha regolarment tanaliżża r-riżultati tal-verifiki pprovduti fir-regolament 7. Hija tista', fuq il-bażi ta' dawn l-analiżi, tagħmel kull eżami ieħor oħra fl-istadji kollha tal-produzzjoni jew fuq il-prodotti. In-natura ta' dawn il-verifiki, il-frekwenza tagħhom u l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u ta' kif jitwettqu l-eżamijiet mikrobijoloġiċi għandhom ikunu stabbiliti taħt il-proċedura stabbilita fl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Ir-riżultati ta' dawn l-analiżi għandhom jitniżżlu f'rapport, li l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu għandhom ikunu notifikati lill-operatur jew lill-amministratur ta' l-istabbiliment, li għandu jkun obbligat jirranġa n-nuqqasijiet imniżżla sabiex titjieb l-iġene. L-awtorità kompetenti tista', meta twettaq dawn il-verifiki, tkun megħjuna minn assistenti li jkollhom il-kwalifiki professjonali speċifikati fl-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC jew fl-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 71/118/EEC.

(3) Meta l-awtorità kompetenti ssib, matul il-verifiki mwettqa skond il-Kapitolu V ta' l-Iskeda I, li hemm nuqqas ripetut ta' konformità matul is-*self monitoring* mal-kriterji stabbiliti fl-Iskeda II u IV, hija għandha tintensifika l-miżuri għall-monitoraġġ tal-produzzjoni ta' l-istabbiliment in kwistjoni, u tista' taqbad it-timbri u l-oġġetti l-oħra li jkun fihom il-marka tas-saħħa riferita fil-Kapitolu VI ta' l-Iskeda I.

Jekk, wara li jgħaddu ħmistax-il jum, l-*output* ta' l-impjanti ta' produzzjoni jkun għadu ma jilħaqx *standards* ta' hawn fuq, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha adatti biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet innutati u għandha, jekk ikun meħtieġ, titlob li prodotti ġejjin mill-istabbiliment in kwistjoni jgħaddu minn trattament bis-sħana. Jekk dawn il-miżuri ma jkunux biżżejjed, għandha tkun sospiża l-approvazzjoni ta' l-istabbiliment.

(4) Meta l-awtorità kompetenti ssib nuqqas ovvju ta' konformità mar-regoli ta' iġene stabbiliti f'dawn ir-regolamenti jew ostakli għal spezzjoni ta' saħħa adegwata -

(i) hija għandha jkollha s-setgħa li taġixxi dwar l-użu ta' tagħmir jew bini u tieħu kull miżura meħtieġa li tista' anki tnaqqas ir-rata ta' produzzjoni jew tissospendi temporanjament il-proċess ta' produzzjoni;

(ii) meta dawn il-miżuri jew il-miżuri provduti fl-aħħar indent tar-regolament 7 (1) juru li mhumiex biżżejjed biex ibiddlu s-sitwazzjoni, hija għandha temporanjament tissospendi l-approvazzjoni, jekk xieraq, għat-tip ta' produzzjoni in kwistjoni. Jekk l-operatur jew l-amministratur ta' l-istabbiliment ma jagħmilx tajjeb għan-nuqqasijiet innotati, fil-perjodu stabbilit mill-awtorità kompetenti, l-awtorita għandha tirtira l-approvazzjoni. L-awtorità kompetenti in kwistjoni għandha, b'mod partikulari, tkun obbligata li tikkonforma mal-konklużjonijiet ta' kull verifika li ssir skond ir-regolament 9. L-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ikunu informati dwar is-sospenzjoni jew l-irtirar ta' l-approvazzjoni.

(5) Fil-każ ta' nuqqasijiet ripetuti, għandhom jiżdiedu l-verifiki u, fejn xieraq, għandhom jitneħħew it-timbri, is-siġilli jew l-oġġetti l-oħra li jkollhom timbru tas-saħħa.

(6) L-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament, b'mod partikulari d-dettalji ta' għajnuna mill-assistenti, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

**Verifiki fuq il-post minn esperti**

**9.** Esperti mill-Kummissjoni Ewropea jistgħu b'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti, jwettqu verifiki fuq il-post.

L-awtorità kompetenti u l-korpi jew persuni amministrattivi kollha nvoluti f'dawn il-verifiki għandhom jagħtu l-għajnuna kollha meħtieġa lill-esperti fit-twettieq ta' dmirijiethom.

**Verifiki veterinarji f'kummerċ ma' Stati Membri**

**10.** Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 15 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji li jikkonċernaw verifiki veterinarji f'kummerċ ma' Stati Membri għandhom japplikaw, b'mod partikulari dwar l-organizzazzjoni ta' u l-azzjoni li għandha tittieħed dwar il-verifiki mwettqa fid-destinazzjoni u l-miżuri ta' salvagwardja li għandhom ikunu applikati.

**Additivi**

**11.** Kull żieda ta' additivi ma' l-ikkapuljat jew mal-preparazzjonijiet tal-laħam koperti minn dan ir-regolament, għandhom isiru b'konformità mar-regoli ta' Malta dwar kuluri għall-użu fi prodotti ta' l-ikel.

**Verifika mill-awtorita kompetenti jekk dawn ir-regolamenti ma jkunux qed jiġu segwiti**

**12.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet speċifiċi ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti għandha, fejn ikun hemm suspett li d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma kinux segwiti jew hemm dubju dwar jekk il-prodotti riferiti fir-regolament 1 humiex tajbin għall-konsum uman, twettaq kull verifika li tħoss li hija xierqa.

(2) Skond Taqsima IX ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, hija għandha tiddeċiedi l-penalitajiet li għandhom ikunu applikati fil-każ li jinkisru d-disposizzjonijeit ta' dawn ir-regolamenti.

## Taqsima V

## Disposizzjonijiet applikabbli għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' preparazzjonijeit tal-laħam u ta' kapuljat fit-territorju ta' Malta

**Importazzjoni ta' kapuljat**

**13.** (1) Importazzjonijiet fit-territorju ta' Malta ta' kapuljat li jissodisfa l-ħtiġijiet tar-regolament 3 li jkunu ġew *deep-frozen* fl-impjant ta' produzzjoni ta' oriġini u preparazzjonijiet tal-laħam li jissodisfaw il-ħtiġijiet tar-regolament 5, li jkunu ġew *deep-frozen* fl-impjant ta' produzzjoni ta' oriġini mhumiex awtorizzati sakemm dawn ma jkunux isegwu l-ħtiġijiet ta' dan il-kapitolu.

(a) Il-garanziji provduti mill-impjant ta' produzzjoni ta' oriġini u konfermati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz dwar konformità mal-ħtiġijiet stabbiliti għat-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti li joriġinaw minn Malta jew minn Stati Membri miksuba skond ir-regolamenti 3 u 5 għandhom jiġu approvati skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 12 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(b) Għall-għanijiet ta' applikazzjoni ta' tas-subparagrafu (a), għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet fil-paragrafi li ġejjin -

(i) Sabiex ikun impurtat fit-territorju ta' Malta, kapuljat li jkun *deep-frozen* kif riferit fir-regolament 3 u preparazzjonijiet tal-laħam li jkunu *deep frozen* kif riferit fir-regolament 5 għandhom -

- jiġu minn pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi li minnhom ma jkunux projbiti l-importazzjonijiet għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali skond id-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EEC, 92/118/EEC, 72/462/EEC u 92/45/EEC;

- jiġu minn pajjiż terz fuq il-listi mfassla skond Id-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea li jirregolaw aspetti ta' saħħa u ta' saħħa ta' l-annimali li għandhom jiġu segwiti għal importazzjonijiet ta' laħam użat fi preparazzjonijiet tal-laħam u li joffru l-garanziji provduti f'dawn ir-regolamenti;

- ikunu akkumpanjati b'ċertifikat ta' saħħa ta' l-annimali u pubbliku li għandu jitfassal skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 12(2)(ċ) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji supplimentat minn dikjarazzjoni ffirmata mill-veterinarju uffiċjali li jiżgura li dan il-kapuljat u dawk il-preparazzjonijiet tal-laħam isegwu rispettivament il-ħtiġijiet stabbiliti fir-regolamenti 3 u 5, jiġu minn stabbiliment li joffri l-garanziji provduti fl-Iskeda I, u ġew *deep frozen* fl-impjant ta' produzzjoni ta' oriġini.

(ii) Dan li ġej għandu jkun stabbilit skond il-proċedura stabbilita fl-artikoli 12(1) u (2)(b) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji -

- lista ta' stabbilimenti li jissodisfaw il-ħtiġijiet tat-tieni inċiż ta' dan is-sottoparagrafu;

- il-kundizzjonijiet dwar il-ħtiġijiet ta' dan ir-regolament, barra minn dawk li jippermettu li l-laħam ikun eskluż mill-konsum uman, skond id-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC u 71/118/EEC. Dawn il-kundizzjonijiet u garanziji ma għandhomx ikunu inqas stretti minn dawk stabbiliti fir-regolamenti 3 u 5.

(iii) Esperti mill-awtorità kompetenti għandhom, b'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, jwettaqu spezzjonijiet fuq il-post biex jivverifikaw -

- il-garanziji mogħtija mill-pajjiż terz dwar il-kundizzjonijiet ta' produzzjoni u t-tqegħid fuq is-suq;

- jekk il-kundizzjonijiet tas-subregolament (i) u (ii) humiex segwiti.

(2) Taħt il-proċedura stabbilita fl-artikolu 12 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, jistgħu jiġu ntrodotti disposizzjonijiet oħra għal dan ir-regolament.

**Listi**

**14.** Il-listi provduti fir-regolament 13(1)(b)(ii) jistgħu jinkludu biss pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi -

(a) li minnhom mhumiex projbiti importazzjonijiet skond l-artikoli 9 sa 12 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EEC u l-artikoli 14, 17 u 20 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 72/462/EEC;

(b) li, in vista tal-leġislazzjoni tagħhom u l-organizzazzjoni tas-servizz veterinarju tagħhom u tas-servizz ta' spezzjoni tagħhom, dawn il-poteri ta' servizzi u s-superviżjoni li għaliha huma soġġetti, ġew rikonoxxuti, skond l-artikolu 3(2) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 72/462/EEC ta' l-artikolu 9(2) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EEC, bħala kapaċi jiggarantixxu u jagħmlu superviżjoni ta' l-implimentazzjoni tal-leġislatura fis-seħħ tagħhom, jew is-servizz veterinarju li tiegħu kapaċi jiggarantixxi li qed jiġu segwiti l-ħtiġijiet ta' saħħa ta' l-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-regolamenti 3 u 5.

**Kapuljat u preparazzjonijiet tal-laħam *deep frozen***

**15.** Kapuljat *deep frozen* kif riferit fir-regolament 3 u preparazzjonijiet tal-laħam *deep frozen* kif riferiti fir-regolament 5 huma impurtati biss fit-territorju ta' Malta jekk huma -

- jkunu akkumpanjati minn ċertifikat provdut fir-regolament 13 (1) (b) (i);

- ikunu ssodisfaw il-verifiki mitluba bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

**Organizzazzjoni u *follow-up* ta' spezzjonijiet**

**16.** Il-prinċipji u r-regoli stabbiliti fl-artikolu 16 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji għandhom japplikaw, b'riferenza partikulari għall-organizzazzjoni ta' u l-*follow-up* ta' l-ispezzjonijiet li għandhom jitwettqu mis-Servizz Veterinarju ta' Malta u l-miżuri ta' salvagwardja li għandhom ikunu implimentati.

## SKEDA I

## KAPITOLU I

### Kundizzjonijiet speċjali għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti li jipproduċu kapuljat.

1. Impjanti ta' produzzjoni fit-tifsira tar-regolament 2(2)(d). Minbarra l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I, Kapitoli I u III, tad-Direttiva tal-Kunill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC, impjanti ta' produzzjoni għandu ta' l-anqas ikollhom -

(a) kamra li fiha jsir l-ikkapuljat u t-tgeżwir, separata mill-kamra tat-tqattigħ u mgħammra b'*recording thermometer* jew *recording tele-thermometer*. Madanakollu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza li l-laħam isir kapuljat fil-kamra tat-tqattigħ kemm-il darba dan jitwettaq f'żona speċifika li hi separata b'mod ċar;

(b) kamra għall-pakkettar, sakemm jiġu segwiti l-kundizzjonijiet stabbiliti f'punt 63 tal-Kapitolu XII ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC;

(ċ) kamra jew kabini fejn jinħażen il-melħ;

(d) tagħmir ta' refriġerazzjoni li jippermetti li jiġu segwiti t-temperaturi stabbiliti f'dawn ir-regolamenti.

2. Barra mill-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fil-Kapitolu I ta' l-Anness A tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/99/EEC, *units* ta' produzzjoni indipendenti għandu jkollhom ta' l-anqas -

(a) kmamar skond punt 1 tal-Kapitolu I ta' l-Anness B tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/99/EEC;

u

(b) kmamar kif deskritti f'punt 1.a. ta' dan il-Kapitolu.

3. Ir-regoli stabbiliti fil-Kapitolu V ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC għandhom japplikaw għall-iġene tal-ħaddiema, il-bini u t-tagħmir fl-istabbilimenti. Il-ħaddiema mpjegati fil-preparazzjoni manwali ta' l-ikkapuljat għandhom b'żieda jilbsu maskri li jgħattu l-ħalq u l-imnieħer. L-awtorità kompetenti tista' wkoll tobbliga lill-ħaddiema biex jilbsu ngwanti lixxi u *moisture-proof*, jew li jintużaw darba biss jew li kapaċi jitnaddfu u jkunu diżinfettati.

## KAPITOLU II

## Kundizzjonijiet għall-produzzjoni ta' kapuljat

1. Il-laħam irid ikun eżaminat qabel isir kapuljat jew imqatta', skond ir-regolament 7. Il-partijiet kollha maħmuġa u suspettati għandhom jitneħħew u jiġu kkundannati qabel il-laħam isir kapuljat.

2. Kapuljat ma jistax jinkiseb minn *scrap cuttings, scrap trimmings* jew minn laħam rikoverat mekkanikament. B'mod partikulari ma jistax ikun preparat minn laħam riferit fl-artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC, jew minn laħam ġej mill-partijiet li ġejjin ta' annimali bovini, majjali, nagħaġ jew mogħoż: muskoli tar-ras, bl-eċċezzjoni tar-reġjun tal-*masseters,* u l-parti mhux muskolari tal-*linea alba*, ir-reġjun tal-*carpus* u tat-*tarsus* u *bone scrapings*.

Il-muskoli tad-dijaframma wara li titneħħa s-*serosa* u l-*masseters* jista' jintuża biss wara li titwettaq investigazzjoni għas-*cysticercosis*. Il-laħam frisk ma għandux ikun fih biċċiet

ta' l-għadam. Meta l-operazzjonijiet li jitwettqu, bejn il-ħin li l-laħam jidħol fil-kamra riferita fil-Kapitolu I sal-ħin meta l-prodott finali jgħaddi minn proċess ta' tkessiħ jew *deep freezing*, isiru f'perjodu massimu ta' siegħa, it-temperatura nterna tal-laħam ma tridx tkun ogħla minn $+7^0$ C u t-temperatura tal-bini tal-produzzjoni ma tridx tkun ogħla minn $+12\ ^0$C. L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza terminu ta' żmien itwal f'każijiet individwali fejn iż-żieda tal-melħ tiġġustifika dan fuq bażi teknika, kemm-il darba r-regoli ta' saħħa ma jkunux affettwati permezz ta' dik id-deroga.

Meta t-tul ta' dawn l-operazzjonijiet ikun aktar minn siegħa jew itwal mill-perjodu awtorizzat mill-awtorità kompetenti skond is-sotto-paragrafu peċedenti, il-laħam frisk ma jistax jintuża sakemm it-temperatura nterna tal-laħam tkun tnaqqset għal massimu ta' $+4^0$C.

3. Kapuljat jista' jkun *deep frozen* darba biss.

4. Immedjatament wara l-produzzjoni l-ikkapuljat irid jitgwżwer b'mod iġeniku u, wara l-pakkettar, jitkessaħ u jinħażen fit-temperaturi stabbiliti fir-regolament 3(2)(ċ).

## KAPITOLU III

### Kundizzjonijiet speċjali għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti li jipproduċu preparazzjonijiet tal-laħam.

1. Impjanti ta' produzzjoni fit-tifsira tar-regolament 2(2)(d) irid ikollhom bini li ta' l-anqas isegwu l-ħtiġijiet ta' -

(a) Kapitoli I u III ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC;

jew

(b) Kapitoli I u III ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 71/118/EEC;

jew

(ċ) Kapitoli I u IV, punt 1, ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/45/EEC;

irid ikollhom ukoll -

- kamra separata mill-kamra tat-tqattigħ għall-produzzjoni ta' preparazzjonijiet tal-laħam, iż-żieda ta' prodotti oħra ta' l-ikel u t-tgeżwir, mgħammra b'*recording thermometer* jew *recording tele-thermometer*. Madanakollu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-produzzjoni ta' preparazzjonijiet tal-laħam f'kamra tat-tqattigħ kemm-il darba l-produzzjoni ssir f'żona speċifika li tkun separata b'mod ċar. Iż-żieda tal-ħwawar mal-karkassi sħaħ ta' tjur tista' tkun awtorizzata f'kamra speċifika li hi separata b'mod ċar mill-bini tal-biċċerija,

- kamra għall-pakkettar, sakemm ikunu segwiti l-kundizzjonijiet imniżżla f'punt 63 tal-Kapitolu XII fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC jew punt 74 tal-Kapitolu XIV ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 71/118/EEC jew punt 5 tal-Kapitolu VIII ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/45/EEC,

- kamra fejn jinħażnu l-ħwawar u prodotti ta' l-ikel indaf oħra li jkunu ser jintużaw,

- kmamar refriġerati għall-ħażna ta -

- laħam frisk kif riferit fir-regolament 5(1)(a),

- preparazzjonijiet tal-laħam,

- tagħmir ta' refriġerazzjoni li jippermetti li t-temperaturi stabbiliti f'dan ir-regolament qed jiġu osservati.

2. *Units* ta' produzzjoni indipendenti għandhom isegwu l-ħtiġijiet tal-Kapitolu I ta' l-Anness A u l-Kapitolu I ta' l-Anness B tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 77/99/EEC.

3. Ir-regoli stabbiliti fil-Kapitolu V ta' l-Anness I tad-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC jew 71/118/EEC jew dawk tal-Kapitolu II tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/45/EEC għandhom japplikaw ukoll b'analoġija għall-iġene tal-ħaddiema, tal-bini u tat-tagħmir fl-istabbilimenti. Ħaddiema mpjegati fil-produzzjoni manwali ta' preparazzjonijiet tal-laħam għandhom ukoll jilbsu maskri li jgħattu mneħirhom u ħalqhom. L-awtorità kompetenti tista' wkoll tirrikjedi li dawn il-ħaddiema jilbsu ngwanti lixxi, *moisture proof,* jew li jintużaw darba biss jew li kapaċi jitnaddfu u jiġu diżinfettati.

## KAPITOLU IV

## Ħtiġijiet speċjali għall-produzzjoni ta' preparazzjonijiet tal-laħam

Minbarra l-konformità mal-ħtiġijiet ġenerali tal-Kapitolu III, u jiddependi mit-tip ta' produzzjoni konċernata -

(a) il-produzzjoni ta' preparazzjonijiet tal-laħam irid isir taħt kundizzjonijiet ta' kontroll tat-temperatura;

(b) il-preparazzjonijiet tal-laħam għandhom ikunu mgeżwra f'*units* li minnhom jinġarru b'tali mod li jeskludu kull riskju ta' kontaminazzjoni;

(ċ) il-preparazzjonijiet tal-laħam jistgħu jkunu *deep frozen* darba biss u jistgħu jkunu kummerċjati biss f'perjodu ta' żmien li ma jeċċedix 18-il xahar;

(d) il-preparazzjonijiet tal-laħam iridu, immedjatament wara l-proċess ta' produzzjoni, jkunu mgeżwra skond il-Kapitolu VII u, wara l-pakkettar, jitkessħu għat-temperatura relevanti stabbilita fir-regolament 5(1)(d).

## KAPITOLU V

## Spezzjoni

1. Impjanti ta' produzzjoni li jipproduċu kapuljat u preparazzjonijiet tal-laħam għandhom ikunu soġġetti għal monitoraġġ mill-awtorità kompetenti, li trid tiżgura li qed jiġu segwiti l-ħtiġijiet ta' dawn ir-regolamenti u trid b'mod partikulari -

(a) tivverifika -

(i) l-indafa tal-bini u tat-tagħmir u l-iġene tal-ħaddiema;

(ii) l-effettività tal-verifiki li jitwettqu mill-istabbiliment, skond dawn ir-regolamenti, b'mod partikulari billi jeżaminaw ir-riżultati u jieħdu kampjuni;

(iii) il-kundizzjoni mikrobijoloġika u iġenika ta' l-ikkapuljat u tal-preparazzjonijiet tal-laħam;

(iv) it-timbru mediku xieraq ta' l-ikkapuljat u tal-preparazzjonijiet tal-laħam;

(v) il-kundizzjonijiet tal-ħażna u tal-ġarr;

(b) fi ħdan il-qafas tal-verifiki uffiċjali, tieħu kull kampjun meħtieġ għal testijiet fil-laboratorju biex jikkonfermaw ir-riżultati ta' kull *self-monitoring*;

(ċ) tagħmel kull verifika oħra li tikkunsidra meħtieġa biex tiżgura li qed jiġi segwit dan ir-regolament, waqt li jiġi mifhum li r-riżultati tat-testijiet mikrobijoloġiċi għandhom ikunu evalwati mill-awtorità kompetenti fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fl-Iskeda II għal kapuljat u fl-Iskeda IV għal preparazzjonijiet tal-laħam.

2. L-awtorità kompetenti għandu jkollha aċċess ħieles f'kull ħin għall-*cold stores* u għall-bini li fih isir ix-xogħol biex tivverifika li dawn id-disposizzjonijiet qegħdin jiġu strettament segwiti.

## KAPITOLU VI

## Markar u timbrar

1. Kapuljat u preparazzjonijeit tal-laħam iridu jkunu mmarkati fuq ir-*wrapping* jew fuq il-pakkettar permezz ta' timbru tas-saħħa.

2. Kapuljat biss miksub skond ir-regolament 3 u preparazzjonijiet tal-laħam miksuba skond ir-regolament 5 u prodotti f'impjant ta' produzzjoni approvat skond ir-regolament 8, jistgħu jingħataw it-timbru tas-saħħa ta' Malta. Dak it-timbru tas-saħħa għandhu jkun jikkorrispondi -

(a) ma' punt 50 tal-Kapitolu XI ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC għal kapuljat;

(b) għal preparazzjonijiet tal-laħam -

(i) ta' laħam frisk ta' annimali maqtula jew laħam tal-kaċċa mrobbija, sa punt 50 tal-Kapitolu XI ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/EEC u r-regoli li jikkorispondu ma dan taħt ir-regolamenti Maltin;

(ii) ta' laħam tat-tjur jew kaċċa żgħira bir-rix jew bis-suf imrobbija, sa punt 66 tal-Kapitolu XII ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 71/118/EEC u r-regoli li jikkorispondu ma dan taħt ir-regolamenti Maltin;

(iii) ta' kaċċa maqtula, sa punt 2 tal-Kapitolu VII ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/45 u r-regoli li jikkorispondu ma dan taħt ir-regolamenti Maltin.

3. Meta kapuljat jew preparazzjonijiet tal-laħam ikunu prodotti f'*unit* ta' produzzjoni indipendenti, it-timbru tas-saħħa għandu jinkludi n-numru ta' approvazzjoni mogħti mill-awtorità kompetenti skond ir-regolament 8(1).

4. Mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' Malta dwar timbrar, preżentazzjoni u reklamar ta' prodotti ta' l-ikel, fil-każ ta' preparazzjonijiet tal-laħam, l-informazzjoni li ġejja għandha tkun murija b'mod viżibbli u li tinqara, għal skopijiet ta' spezzjoni fuq il-pakkettar, meta ma tkunx ċara mis-*sales description* jew mil-lista ta' ingredjenti skond ir-regoli ta' Malta dwar it-timbrar, preżentazzjoni u reklamar ta' prodotti ta' l-ikel -

- l-ispeċi li minnhom inkiseb il-laħam u, fil-każ ta' taħlita, il-persentaġġ ta' kull speċi u, għall-pakkettar mhux maħsub għall-konsumatur finali, id-data ta' preparazzjoni. Fil-każ ta' kapuljat u preparazzjonijiet tal-laħam magħmula minn kapuljat ħlief għal zalzett frisk u laħam taz-zalzett li jkollu t-timbru tas-saħħa provdut f'dan il-Kapitolu, fuq it-tabella jridu jidhru wkoll dawn il-kliem -

- "persentaġġ ta' xaħam taħt",

- "*Collagen*: *protein ratio* tal-laħam taħt".

## KAPITOLU VII

## Tgeżwir u ppakkettar

1. Il-pakkettar (per eżempju *packing cases,* kaxxi tal-kartun) iridu jsegwu r-regoli kollha ta' iġene u b'mod partikulari -

- ma għandhom ibiddlu l-karatteristiċi organoleptiċi ta' l-ikkapuljat jew tal-preparazzjonijiet tal-laħam,

- ma għandhom ikunu jistgħu jgħaddu lill-ikkapuljat jew lill-preparazzjonijiet tal-laħam, sustanzi li huma ta' ħsara għas-saħħa pubblika,

- għandhom ikunu b'saħħithom biżżejjed biex jiżguraw protezzjoni effettiva ta' l-ikkapuljat jew tal-preparazzjonijiet tal-laħam matul il-ġarr u l-maniġġar.

2. Il-pakkettar ma jridx jerġa' jintuża għall-ikkapuljat jew għall-preparazzjonijiet tal-laħam ħlief jekk ikun magħmul minn materjal li ma jitmermirx li jkun faċli jitnaddaf u jkun ġie mnaddaf u diżinfettat minn qabel.

3. L-ikapuljat jew preparazzjonijiet tal-laħam imgeżwra għandhom jiġu pakkettati.

4. Madanakollu, meta t-tgeżwir isegwi l-kundizzjonijiet protettivi kollha tal-pakkettar, ma jkunx hemmx bżonn li jkun trasparenti u mingħajr kulur u mhux meħtieġ li jitqiegħed f'kontenitur ieħor kemm-il darba jkunu ġew segwiti l-kundizzjonijiet l-oħra ta' punt 1 ta' hawn fuq.

## KAPITOLU VIII

## Ħażna

1. L-ikapuljat u l-preparazzjonijiet tal-laħam għandhom jitkessħu immedjatament wara li jitgeżwru u, jew jiġu pakkettati. Kapuljat irid ikun maħżun fit-temperaturi ndikati fir-regolament 3(2)(ċ) u preparazzjonijiet tal-laħam fit-temperaturi ndikati fir-regolament 5(1)(d).

2. Kapuljat u preparazzjonijiet tal-laħam jistgħu jiġu *deep frozen* biss fi kmamar ta' l-istabbiliment ta' produzzjoni jew *unit* indipendenti ta' produzzjoni jew f'*cold stores* approvati.

3. F'*cold stores*, l-ikkapuljat u l-preparazzjonijiet tal-laħam jistgħu biss jinħażnu flimkien ma' prodotti oħra ta' l-ikel jekk ikun żgurat, permezz ta' l-pakkettar, li l-ikkapuljat jew il-preparazzjonijiet tal-laħam ma jistgħux jintlaqtu ħażin.

## KAPITOLU IX

## Trasport

1. L-ikapuljat u l-preparazzjonijiet tal-laħam għandhom jintbagħtu b'mod li matul il-ġarr ikunu protetti minn kull ħaġa li għandha mnejn tikkontaminahom jew tolqothom ħażin, waqt li jittieħed kont tat-tul u l-kundizzjonijiet tat-trasport u l-mezzi ta' trasport użati. B'mod partikulari, il-vetturi użati għall-ġarr ta' kapuljat u preparazzjonijiet tal-laħam għandhom ikunu mgħammra b'mod li jiżguraw li t-temperaturi stabbiliti f'dan ir-regolament ma jinqabżux matul il-ġarr u jridu jkunu mgħammra b'*recording thermometer* biex jirreġistra li l-aħħar ħtieġa tkun qed tiġi segwita.

2. L-awtorità kompetenti tista', b'deroga mill-paragrafu 1, tawtorizza l-ġarr ta' preparazzjonijiet tal-laħam li joriġinaw fl-istabbilimenti riferiti fir-regolament 5(5), f'temperaturi ogħla minn dawk stabbiliti f'dan ir-regolament, minn impjant ta'

produzzjoni jew *unit* ta' produzzjoni indipendenti sa bini jew komunitajiet lokali viċin fejn jinbiegħu, kemm-il darba dan il-ġarr ma jiħux aktar minn siegħa.

3. Fil-każ ta' tranżitu minn pajjiż terz u meta l-impjant ta' produzzjoni jkun jinsab f'żona soġġetta għal restrizzjonijiet minħabba raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali, il-mezż ta' trasport irid jinżamm siġillat.

## SKEDA II

### Kriterji ta' għamla u kriterji mikrobijoloġiċi

### I. Kriterji ta' għamla verifikati fuq il-bażi tal-medja ta' kuljum

| | kontenut ta' xaħam | *Collagen meat protein ratio* |
|---|---|---|
| - kapuljat irqieq < 7 % < 12 | = jew < 7 % | = jew < 12 |
| - kapuljat pur taċ-ċanga < 20 % < 15 | = jew < 20 % | = jew < 15 |
| - kapuljat li fih laħam tal-majjal < 30 % < 18 | = jew < 30 % | = jew < 18 |
| - kapuljat ta' speċi oħra < 25 % < 15 | = jew < 25 % | = jew < 15 |

### II. Kriterji Mikrobijoloġiċi

Impjanti ta' produzzjoni u *units* ta' produzzjoni indipendenti jridu jiżguraw li, matul il-verifiki provduti fir-regolament 7(3) u skond il-metodi ta' interpretazzjoni mfassla hawn taħt, l-ikkapuljat isegwi dan li ġej -

| | M (a) | m (b) |
|---|---|---|
| *Aerobic mesophile bacteria* n (c) = 5; c (d) = 2 | 5 x $10^6$/g | 5 x $10^3$/g |
| *Escherichia coli* n =5; c = 2 | 5 x $10^2$/g | 50/g |
| Salmonella n = 5; c = 0 | nuqqas f'10g | |
| *Stphylococcus aureus* n = 5; c = 2 | 5 x $10^3$/g | $10^2$/g |

(a) M = il-limitu aċċettabbli, li ’l fuq minnu r-riżultati ma jibqgħux jiġu kunsidrati sodisfaċenti fejn M hi daqs 10m meta l-għadd ikun magħmul minn medju solidu, u M hi daqs 30m meta l-għadd ikun magħmul minn medju likwidu.

(b) m = limitu li inqas minnu r-riżultati huma kunsidrati sodisfaċenti.

(ċ) n = in-numru ta’ *units* li minnu jkun magħmul il-kampjun.

(d) c = in-numru ta’ *units* fil-kampjun li jagħtu valuri bejn n u M.

Ir-riżultati ta’ l-analiżi mikrobijoloġiċi jridu jkunu nterpretati skond -

A. Tliet kategoriji ta’ kontaminazzjoni għal *aerobic mesophile bacteria, Escherichia coli u Staphylococcus aureus, viż.* -

- sa u jinkludi l-kriterju m, bejn il-kriterju m u l-limitu M,
- ’il fuq mil-limitu M.

1. Il-kwalità tal-kunsinna għandha tkun kunsidrata -

(a) sodisfaċenti, fejn il-valuri kollha osservati huma daqs jew inqas minn 3 m meta jkun użat medju solidu jew 10 m meta jkun użat medju likwidu

(b) fejn il-valuri kollha osservati jkunu bejn -

(i) 3m u 10m (= M) f’medju solidu;

(ii) 10m u 30m (=M) f’medju likwidu;

u fejn c/n huwa daqs jew inqas minn 2/5 fejn n = 5 u c = 2 jew xi figuri oħra ta' min jorbot fuqhhom li jkunu ekwivalenti jew akbar li għandhom jiġu rikonoxxuti mill-Kunsill, li jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fir-regoli tal-Komunita Ewropea.

2. Il-kwalità tal-kunsinna għandha tkun kunsidarata bħala mhux sodisfaċenti -

- fil-każijiet kollha fejn il-valuri li jeċċedu M huma osservati,

- fejn c/n huwa > 2/5. Madanakollu, fejn dan il-limitu ta' l-aħħar ikun ġie skorrut għal mikro-organiżmi aerobiċi f'+ 30$^{o}$C waqt li l-kriterji l-oħra kollha jkunu ġew segwiti, dan il-limitu li jiġi skorrut irid ikun soġġett għal aktar interpretazzjoni, b'mod partikulari fil-każ ta' prodotti mhux maħduma. F'kull każ, il-prodott irid ikun kunsidrat tossiku jew imtebba' meta l-kontaminazzjoni tilħaq valur ta' limitu mikrobiku S, li għal skopijiet ġenerali jitfassal f'10$^{3}$m. Fil-każ ta' *Staphylococcus aureus,* il-valur ta' S ma jrid qatt jitħalla jaqbeż 5 x 104.

Tolleranzi relatati ma' tekniċi analitiċi m'għandhomx japplikaw għall-valuri M u S.

B. Żewġ kategoriji ta' Salmonella, li magħhom l-ebda tolleranza ta' kategorija ma hi permessa -

- "Assenza fi" - ir-riżultat ikun kunsidrat sodisfaċenti,

- "Presenza fi" - ir-riżultat ma jkunx kunsidrat sodisfaċenti.

## SKEDA III

## ĊERTIFIKAT MEDIKU GĦALL-IKKAPULJAT ([1]) NRU.

Pajjiż esportatur: .. .. ..

permezz tal-mezzi ta' trasport li ġejjin ([4]): .. .. ..

## SKEDA IV

## KRITERJI MIKROBIJOLOĠIĊI

Impjanti ta' produzzjoni u *units* ta' produzzjoni indipendenti jridu jiżguraw li, matul il-verifiki provduti fir-regolament 7(3) u skond il-metodi ta' interpretazzjoni speċifikati fl-Iskeda II, preparazzjonijiet tal-laħam isegwu l-krtierji li ġejjin -

| Preparazzjonijiet tal-laħam | M ([1]) | m ([2]) |
|---|---|---|
| *Escherichia coli* | 5 x 103 /g | 5 x 102 /g |
| n = 5 c = 2 | | |
| *Staphylococci aureus* | 5 x 103 /g | 5 x 102 /g |
| n = 5 c = 1 | | |
| Salmonella | nuqqas f'1g | |
| n = 5 c = 0 | | |

---

([1]) M = il-limitu aċċettabbli, li 'l fuq minnu r-riżultati ma jibqgħux ikunu kunsidrati sodisfaċenti fejn M huwa daqs 10m meta l-għadd ikun magħmul minn medju solidu, u M huwa daqs 30m meta l-għadd ikun magħmul minn medju likwidu.

([2]) m = il-limitu li iktar baxx minnu r-riżultati kollha mhumiex kunsidrati sodisfaċenti.

## SKEDA V

## ĊERTIFIKAT MEDIKU GĦAL PREPARAZZJONIJIET TAL-LAĦAM (1) NRU

Pajjiż esportatur: .. .. ..

permezz tal-mezżi ta' trasport li ġejjin ([4]): .. .. ..